TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 100/15/F

**Thaddeo Galdes**

**vs**

**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Mejju, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u għaxar ewro (€310), rappreżentanti *bedspread* li ħadha għal *dry cleaning* u spiċċat ċkienet.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *bedspread* xi sena ilu għall-prezz ta' tliet mija u għaxar ewro (€310), u wara li ħadha għal *dry cleaning* din il-*bedspread* inxtorbot xi sitt pulzieri.

L-intimat issottometta illi l-*bedspread* ma kellhiex *care label,* u li drapp wieħed minn tnejn li minnhom hi magħmula din il-kutra kien xrinkja.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat huwa l-espert f'dan il-qasam u jekk ħa l-intrigu sabiex jagħmel *dry cleaning,* ir-responsabbilta' kienet tiegħu, anke minkejja l-fatt illi ma kienx hemm *care label.*

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn u għoxrin ewro (€220), u b'dan illi l-*bedspread* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**